2024/2752

24.10.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/2752

tal-21 ta' Ottubru 2024

li taħtar membru, propost mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Ġermaniż,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) Fit-18 ta' Lulju 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2022/1348 ([2]), li taħtar żewġ membri u żewġ membri supplenti, proposti mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġiet proposta għall-ħatra s-Sa Isolde RIES sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(4) Il-Gvern Ġermaniż ippropona, abbażi ta' mandat nazzjonali differenti, lis-Sa Isolde RIES, rappreżentanta ta' korp lokali li għandha mandat elettorali ta' awtorità lokali, *Mitglied im Bezirksrat West von Saarbrücken* (Membru tal-Kunsill Distrettwali tal-Punent ta' Saarbrücken), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sa Isolde REIS, rappreżentanta ta' korp lokali li għandha mandat elettorali, *Mitglied im Bezirksrat West von Saarbrücken* (Membru tal-Kunsill Distrettwali tal-Punent ta' Saarbrücken) (bidla fil-mandat), hija b'dan maħtura bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-21 ta' Ottubru 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

NAGY I.

([1]) ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2019/852/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1348 tat-18 ta' Lulju 2022 li taħtar żewġ membri u żewġ membri supplenti, proposti mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 202, 2.8.2022, p. 54, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2022/1348/oj).